MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 126/2012

**PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED**

**vs**

**Tanya MUSCAT**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fil-21 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' disa' mija u sebghin euro (€970) u dan wara li ppremettiet hekk:

"1. Illi s-socjeta mittenti pprovdiet servizzi fuq il-mezzi tax-xandir taghha lill-intimata u dan ghall-ammont ta' €970, bilanc minn ammont ikbar u dana skond kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi minkejja li giet interpellata kemm-il darba, l-intimata ghazlet li tibqa moruza;

Ghaldaqstant is-socjeta attrici titlob bir-rispett illi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji, il-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' €970, bilanc minn ammont ikbar rapprezentanti servizzi fuq il-mezzi tax-xandir taghha lill-intimata, bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta inkluz tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A bin-numru 4835/11 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3548/11, minn issa ngunta in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bit-Talba odjerna fit-28 ta' Frar, 2012, u bl-avviz tas-smiegh ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-30 ta' Marzu, 2012, nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u tal-lum stess.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fit-30 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha, s-socjeta attrici rriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' €770;

Ra n-nota ta' riduzzjoni ulterjuri tas-socjeta attrici pprezentata fis-16 ta' Mejju, 2012 u li permezz taghha, l-istess socjeta attrici rriduciet ulterjorment il-pretensjoni taghha ghas-somma ta' €370;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sebghin euro (€370), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------